DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/735

tal-4 ta' Mejju 2021

dwar l-estensjoni tal-azzjoni meħuda mid-Dipartiment Irlandiż għall-Agrikoltura, l-Ikel u l-Baħar li tippermetti t-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodott bijoċidali Biobor JF f'konformità mal-Artikolu 55(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2021) 3026)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali [1], u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 55(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fil-21 ta' Ottubru 2020, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 55(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, id-Dipartiment Irlandiż għall-Agrikoltura, l-Ikel u l-Baħar ("l-awtorità kompetenti") adotta deċiżjoni biex ikunu jistgħu jsiru t-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodott bijoċidali "Biobor JF" mill-utenti professjonali għat-trattament antimikrobiku preventiv u kurattiv tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru ("l-azzjoni") sad-19 ta' April 2021. F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 55(1) ta' dak ir-Regolament, l-awtorità kompetenti infurmat lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra bl-azzjoni u bil-ġustifikazzjoni tagħha.

(2) Skont l-informazzjoni li tat l-awtorità kompetenti, l-azzjoni kienet meħtieġa biex titħares is-saħħa pubblika. Il-kontaminazzjoni mikrobijoloġika tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru tista' twassal għal funzjonament ħażin tal-magni tal-inġenji tal-ajru, u tipperikola l-ajrunavigabbiltà tagħhom, u b'hekk tipperikola s-sikurezza tal-passiġġieri u tal-ekwipaġġ. Il-pandemija tal-COVID-19 u r-restrizzjonijiet li saru fuq it-titjiriet minħabba fiha wasslu biex bosta inġenji tal-ajru jkollhom jibqgħu pparkjati temporanjament. L-immobbiltà tal-inġenji tal-ajru hi fattur aggravanti ta' kontaminazzjoni mikrobijoloġika.

(3) Il-prodott "Biobor JF" fih 2,2'-(1-metiltrimetilenediossi)bis-(4-metil-1,3,2-dioksaborinan) (bin-numru tal-CAS 2665-13-6) u 2,2'-ossibis (4,4,6-trimetil-1,3,2-dioksaborinan) (bin-numru tal-CAS 14697-50-8), li huma sustanzi attivi għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip tal-prodotti Nru 6 bħala preservattivi tal-prodotti waqt il-ħażna, kif definit fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Dawk is-sustanzi attivi mhumiex elenkati fl-Anness II tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 [2], u għalhekk mhumiex inklużi fil-programm ta' ħidma tal-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi eżistenti kollha li jkun hemm fil-prodotti bijoċidali msemmija fir-Regolament (UE) Nru 528/2012. Għaldaqstant, l-Artikolu 89 ta' dak ir-Regolament ma japplikax għalihom u jeħtieġu valutazzjoni u approvazzjoni qabel ma jiġu awtorizzati l-prodotti bijoċidali li jkun fihom dawk is-sustanzi attivi, anki fil-livell nazzjonali.

[1] ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

[2] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 tal-4 ta' Awwissu 2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmijin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 294, 10.10.2014, p. 1).

(4) Fil-5 ta' Frar 2021, il-Kummissjoni rċeviet talba motivata mingħand l-awtorità kompetenti biex testendi l-azzjoni f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 55(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. It-talba motivata saret minħabba tħassib ta' periklu għas-sikurezza tat-trasport bl-ajru minħabba kontaminazzjoni mikrobijoloġika tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru wara d-19 ta' April 2021 u sar l-argument li "Biobor JF" hu essenzjali biex tiġi kkontrollata din il-kontaminazzjoni mikrobijoloġika.

(5) Skont l-informazzjoni li tat l-awtorità kompetenti, l-uniku prodott bijoċidali alternattiv rakkomandat mill-manifatturi tal-inġenji tal-ajru u tal-magni għat-trattament tal-kontaminazzjoni mikrobijoloġika (il-Kathon™ FP 1.5) ġie rtirat mis-suq f'Marzu tal-2020 minħabba anomaliji fl-imġiba tal-magni li ġew osservati wara t-trattament b'dak il-prodott.

(6) It-trattament mekkaniku tal-kontaminazzjoni mikrobijoloġika tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru mhux dejjem ikun possibbli. Barra minn hekk, it-trattament mekkaniku jesponi lill-ħaddiema għal gassijiet tossiċi u għalhekk jenħtieġ ikun evitat.

(7) Skont l-informazzjoni li għandha l-Kummissjoni, il-manifattur ta' "Biobor JF" ħa passi għall-awtorizzazzjoni regolari tal-prodott, u fil-futur qrib mistennija titressaq applikazzjoni għall-approvazzjoni tas-sustanzi attivi li fih. L-approvazzjoni tas-sustanzi attivi u l-awtorizzazzjoni sussegwenti tal-prodott bijoċidali jkunu jikkostitwixxu soluzzjoni permanenti għall-futur, iżda dawk il-proċeduri jeħtieġu ammont sinifikanti ta' żmien biex jitlestew.

(8) In-nuqqas ta' kontroll tal-kontaminazzjoni mikrobijoloġika tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru jista' jipperikola s-sikurezza tat-trasport bl-ajru, u dak il-periklu ma jistax jitrażżan biżżejjed bl-użu ta' prodott bijoċidali ieħor jew b'mezzi oħra. Għaldaqstant jixraq li l-awtorità kompetenti titħalla testendi l-azzjoni.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Dipartiment Irlandiż għall-Agrikoltura, l-Ikel u l-Baħar jista' jestendi l-azzjoni sat-22 ta' Ottubru 2022 biex ikun jistgħu jsiru t-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodott bijoċidali "Biobor JF" mill-utenti professjonali għat-trattament antimikrobiku preventiv u kurattiv tat-tankijiet tal-fjuwil u tas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lid-Dipartiment Irlandiż għall-Agrikoltura, l-Ikel u l-Baħar.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Mejju 2021.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni